KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fit-22 ta' Marzu 2012 [1 i]

Kawża C-583/10

The United States of America
vs
Christine Nolan

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (England and Wales) (ir-Renju Unit)]

"Direttiva 98/59/KE – Ammissibbiltà – Protezzjoni tal-ħaddiema – Tkeċċijiet kollettivi – Informazzjoni u konsultazzjoni mal-ħaddiema – Għeluq ta' bażi militari Amerikana – Kamp ta' applikazzjoni – Punt ta' tluq tal-obbligu ta' konsultazzjoni"

I – Introduzzjoni

1. B'din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Court of Appeal (England and Wales) titlob kjarifiki fuq il-punt tat-tluq tal-obbligu ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-kuntest ta' tkeċċijiet kollettivi propost minn min iħaddem, b'applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi [2]

2. Din id-domanda ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u Christine Nolan, impjegata ċivili ta' bażi militari Amerikana li tinsab fir-Renju Unit, dwar l-obbligu li ssir konsultazzjoni f'ħin xieraq mal-persunal ċivili ta' din il-bażi qabel ma jipproċedu għat-tkeċċijiet kollettivi li seħħew fit-30 ta' Ġunju 2006, b'mod konformi mat-Trade Union and Labour Relations (Consolidation) Act 1992, li tittrasponi d-Direttiva 98/59 fil-livell nazzjonali [3].

3. B'mod iktar preċiż, jirriżulta mill-informazzjoni kkomunikata mill-qorti tar-rinviju li deċiżjoni li tingħalaq il-bażi militari b'effett mill-aħħar tax-xahar ta' Settembru 2006 kienet ittieħdet mis-Secretary of the US Army, u approvata mis-Secretary of Defence, mhux iktar tard mit-13 ta' Marzu 2006. Dik id-deċiżjoni ġiet ikkomunikata lill-awtoritajiet militari Britanniċi b'mod informali fil-21 ta' April 2006 u ġiet imxandra fil-pubbliku mill-mezzi tax-xandir fil-21 ta' April 2006. Fl-24 ta' April 2006, l-uffiċjal kmandat tal-bażi stieden lill-persunal għal-laqgħa intiża sabiex, minn naħa, tiġi spjegata d-deċiżjoni tal-għeluq tal-bażi u, min-naħa l-oħra, jiġu ppreżentati xi skużi għall-mod li bih l-għeluq kien ġie mxandar lill-pubbliku.

4. Il-Gvern tar-Renju ġie informat uffiċjalment fid-9 ta' Mejju segwenti, li l-bażi kienet ser tiġi rritornata lir-Renju Unit fit-30 ta' Settembru 2006.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327.

3 Id-differenza fid-data bejn l-att ta' traspożizzjoni fir-Renju Unit (1992) u l-adozzjoni tad-Direttiva 98/59 (1998) hija spjegata mill-fatt li din tal-aħħar tikkostitwixxi biss "kodifikazzjoni" tad-Direttiva tal-Kunsill 75/129/KEE, tas-17 ta' Frar 1975, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 48, p. 29), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/56/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1992 (ĠU L 245, p. 3).

5. F'Ġunju 2006, l-awtoritajiet Amerikani bagħtu lir-rappreżentanti tal-persunal ċivili tal-bażi militari nota li tindika li l-membri kollha ta' dak il-persunal, jiġifieri kważi 200 impjegat, kellhom jitkeċċew. Waqt laqgħa li saret fl-14 ta' Ġunju 2006, l-awtoritajiet Amerikani informaw lir-rappreżentanti tal-persunal li huma kienu jikkunsidraw li d-data tal-bidu tal-konsultazzjonijiet kienet dik tal-5 ta' Ġunju 2006.

6. Id-deċiżjoni formali li jitħassru l-kuntratti ta' xogħol ittieħdet fil-kwartier ġenerali tal-armata Amerikana fl-Ewropa, li tinsab f'Mannheim (il-Ġermanja). Intbagħtu avviżi tat-tkeċċija fit-30 ta' Ġunju 2006, li kienu jindikaw id-29 u t-30 ta' Settembru 2006 bħala d-data tat-tmiem tal-impjieg.

7. F'dawn iċ-ċirkustanzi, Nolan, rappreżentanta tal-membri tal-persunal ikkonċernati, bdiet proċedura għal responsabbiltà kontra l-Istati Uniti quddiem is-Southampton Employment Tribunal, li laqa' t-talba tagħha raġun filwaqt li kkonstata b'mod partikolari li min iħaddem kien naqas milli jikkonsulta mar-rappreżentanti tal-ħaddiema f'ħin xieraq, peress li min iħaddem kien naqas milli jispjega għal liema raġunijiet dawn il-konsultazzjonijiet kienu ddewmu sal-5 ta' Ġunju 2006 mingħajr ma kienu nbdew qabel id-deċiżjoni tat-13 ta' Marzu 2006, jew, f'kull każ, b'effett mill-24 ta' April 2006 jew ukoll b'effett mid-data tal-informazzjoni ufiċċjali tad-9 ta' Mejju 2006. Dak it-tribunal kien ukoll laqa' t-talba għall-ħlas ta' kumpens għad-danni ppreżentata minn Nolan.

8. L-appell ippreżentat mill-Istati Uniti quddiem l-Employment Appeal Tribunal ġie miċħud.

9. Għaldaqstant, l-Istati Uniti ippreżentat appell quddiem il-Court of Appeal.

10. Wara li kkunsidrat l-argumenti ppreżentati mill-Istati Uniti li kienu diġà ġew invokati quddiem l-Employment Appeal Tribunal, il-Court of Appeal qieset li dawn għandhom jiġu miċħuda. Madankollu, peress li kienet ukoll adita minn aggravju dwar il-portata tas-sentenza tal-Qorti tal-ĠustizzjaAkavan Erityisalojen Keskusliitto AEK *et*[4] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Akavan"), mogħtija wara d-deċiżjoni tal-Employment Appeal Tribunal, il-qorti tar-rinviju qieset li dik is-sentenza ssollevat ċerti mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59, li kien ikun opportun li jiġu ċċarati qabel ma hija tagħti s-sentenza tagħha.

11. Kien f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel is-segwenti domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-obbligu ta' konsultazzjoni fir-rigward ta' redundancies kollettivi li għandu min iħaddem taħt id-Direttiva 98/59/KE japplika (i) meta min iħaddem ikun qiegħed jipproponi, iżda jkun għadu ma ħax, deċiżjoni strateġika li tikkonċerna n-negozju jew l-operat u li probabbilment jew inevitabbilment twassal għal redundancies kollettivi; jew (ii) dan l-obbligu japplika biss meta din id-deċiżjoni tkun effettivament ittieħdet u min iħaddem ikun imbagħad qiegħed jipproponi redundancies b'konsegwenza ta' din id-deċiżjoni?"

12. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Nolan, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Awtorità ta' Sorveljanza AELE. Dawn il-partijiet ikkonċernati nstemgħu wkoll fis-seduta li saret fit-18 ta' Jannar 2012.

4 Sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, C-44/08 (Ġabra p. I-8163).

II – Analiżi

A – Fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 98/59 u l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domanda li saritilha

13. Għalkemm il-Kummissjoni pproponiet li tingħata risposta għad-domanda li saret, hija madankollu esprimiet xi dubji, jew riżervi, dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 98/59 fil-każ ta' tkeċċijiet kollettivi mħabbra fi stabbiliment militari, speċjalment meta tali stabbiliment, anki jekk jinsab fit-territorju ta' Stat Membru, jaqa' taħt l-awtorità ta' Stat terz. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, din il-parti kkonċernata bbażat il-mistoqsijiet tagħha fuq l-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva 98/59 li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-ħaddiema tal-amministrazzjonijiet pubbliċi jew tal-istabbilimenti tad-dritt pubbliku (jew, fil-każ tal-Istati Membri li ma jirrikonoxxux dan il-kunċett, tal-entitajiet ekwivalenti), li hija tqis li jistgħu jiġu estiżi għall-istabbilimenti militari. B'risposta għall-mistoqsija bil-miktub li saret mill-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll waqt is-seduta, il-Kummissjoni sostniet li, f'kull każ, l-applikazzjoni tad-Direttiva 98/59 għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jkollha l-ebda effett prattiku għaliex ir-raġunijiet li jkunu wasslu Stat terz sabiex jiddeċiedi li jagħlaq stabbiliment militari jkunu jaqgħu fl-eżerċizzju tal-*jus imperii*; dawn ir-raġunijiet ma jistgħux, għalhekk, ikunu s-suġġett ta' konsultazzjonijiet minn qabel mar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Fir-risposta tagħhom għall-istess mistoqsija bil-miktub, l-Istati Uniti jikkondividu, essenzjalment, din l-opinjoni.

14. Dawk ir-rimarki ma humiex infondati u nifhem perfettament, b'mod partikolari, l-interess ġuridiku, ta' natura ġenerali, li jeżisti sabiex wieħed ikun jaf l-portata preċiża tal-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva 98/59, dispożizzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għad sa issa ma kellhiex opportunità li tinterpreta.

15. Madankollu, jidher li f'dan il-każ ma huwiex b'xi mod neċessarju, u lanqas opportun, li wieħed jidħol f'dan id-dibattitu, sabiex jikkonstata l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domanda li saret mill-qorti tar-rinviju fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha ta' din il-kawża.

16. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-Direttiva 98/59 tipproċedi biss għal armonizzazzjoni parzjali tar-regoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' tkeċċijiet kollettivi [5], peress li l-Artikolu 5 tagħha jindika espressament li hija bla ebda ħsara għall-fakultà tal-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi iktar favorevoli għall-ħaddiema.

17. L-Istati Membri żammew konsegwentement id-diskrezzjoni li japplikaw ir-regoli nazzjonali ta' protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' tkeċċijiet kollettivi għas-sitwazzjonijiet li ma jaqgħux *stricto sensu* taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59. Għalhekk, b'applikazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/59, Stat Membru jista' faċilment jestendi l-kamp tal-applikazzjoni tal-protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema f'każ ta' tkeċċijiet kollettivi għal dawk impjegati minn amministrazzjonijiet pubbliċi jew ta' stabbilimenti tad-dritt pubbliku, fis-sens tal-Artikolu 1(2)(b), tad-Direttiva 98/59.

18. Dan jidher madankollu li kien l-approċċ segwit mil-leġiżlatur Britanniku fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 98/59, kif l-Employment Appeal Tribunal u l-qorti tar-rinviju enfasizzaw fid-deċiżjonijiet rispettivi tagħhom.

5 Ara, fir-rigward tad-Direttiva 75/129, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Renju Unit (C-383/92, Ġabra p. I-2479, punt 25) u fir-rigward tad-Direttiva 98/59, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2009, Mono Car Styling (C-12/08, Ġabra p. I-6653, punt 35) u Akavan, iċċitata iktar 'il fuq (punt 60).

19. Fil-fatt, minn naħa, jirriżulta mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-ewwel minn dawk il-qrati msemmija iktar 'il fuq, b'mod partikolari l-punti 71 u 84, kif riprodotti minn Nolan u mill-Awtorità ta' Sorveljanza AELE fir-risposti rispettivi tagħhom għall-mistoqsija bil-miktub li saret mill-Qorti tal-Ġustizzja, li r-Renju Unit għażel, b'applikazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/59, li ma jeskludix mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar, l-korpi enumerati fl-Artikolu 1(2)(b) tal-imsemmija Direttiva.

20. Min-naħa l-oħra, skont il-qorti tar-rinviju, l-uniku każ rilevanti li fih min iħaddem ikun jista' jiġi eżonerat mit-twettiq tal-obbligi ta' konsultazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 188 tat-Trade Union and Labour Relations (Consolidations) Act 1992 huwa dak, imsemmi fil-paragrafu 7 tal-istess artikolu, li fih din il-persuna li tħaddem setgħet turi l-eżistenza ta' ċirkustanzi partikolari li jirrendu t-twettiq ta' tali obbligi bħala mhux "raġonevolment prattikabbli". Il-qorti tar-rinviju rrilevat li l-Istati Uniti ma kinitx madankollu pprevalixxiet ruħha minn dik id-deroga fil-kawża prinċipali [6].

21. Barra minn hekk, l-ebda waħda minn dawk il-qrati ma kkunsidrat li s-sitwazzjoni tal-impjegati ċivili ta' stabbiliment militari ta' Stat terz li jinsab fir-Renju Unit tista' tinħareġ barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 188 tat-Trade Union and Labour Relations (Consolidations) Act 1992 bis-saħħa ta' esklużjonijiet speċifiċi oħrajn ta' dik il-leġiżlazzjoni, bħal ma huma dawk li jissemmew fl-Artikoli 273(2) u 274 tat-Trade Union and Labour Relations (Consolidations) Act 1992, fir-rigward tal-membri tal-persunal tar-Reġina Britannika ("Crown employment"). Fil-kuntest tad-diviżjoni tal-funzjonijiet ġurisdizzjonali bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, imsemmija fl-Artikolu 267 TFUE, ma jispettax lil din tal-aħħar li tikkontesta l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun saret f'sitwazzjoni partikolari.

22. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju enfasizzat ukoll li l-kwistjoni tal-immunità tal-Istat, li kienet ġiet tardivament invokata mill-Istati Uniti quddiem is-Southampton Employment Tribunal għaliex din kienet ġiet issollevata biss fil-kuntest tat-talba għall-ħlas tad-danni ta' Nolan u mhux preliminarjament matul il-proċedura dwar ir-responsabbiltà, ma kinitx is-suġġett tal-appell quddiemha [7] u ma setgħetx, f'kull każ, tiġi evalwata indipendentement mill-klawżola ta' deroga msemmija fl-Artikolu 188(7) tat-Trade Union and Labour Relations (Consolidations) Act 1992, li ma kinitx invokata fil-kawża prinċipali [8]. Għalhekk, jirriżulta ċarament mill-proċess li l-applikazzjoni tal-obbligu ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema stabbilit mil-leġiżlazzjoni Britannika li tittrasponi d-Direttiva 98/59 ma hija bl-ebda mod mingħajr effett f'ċirkustanzi bħal ma huma dawk fil-kawża prinċipali [9].

23. Jidher għalhekk li, jekk l-istatus ta' stabbiliment militari, li barra li huwa ta' Stat terz, huwa paragunabbli għal dak ta' amministrazzjoni pubblika jew ta' stabbiliment tad-dritt pubbliku skont l-Artikolu 1 (2)(b) tad-Direttiva 98/59, il-leġiżlatur tar-Renju Unit ried jinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tat-Trade Union and Labour Relations (Consolidations) Act 1992 sitwazzjonijiet li ma jaqgħux taħt id-Direttiva 98/59, filwaqt li jikkonforma ruħu, rigward is-soluzzjoni li għandha tingħata f'dawn is-sitwazzjonijiet, ma' dik adottata mill-imsemmija direttiva, jiġifieri, b'mod partikolari, in-neċessità għal min iħaddem li jipproċedi, f'ħin xieraq, tkeċċijiet kollettivi b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema.

6 Ara l-punt 42 tad-digriet tar-rinviju. Il-kompatibbiltà ta' klawżola ta' eżenzjoni bħal dik mad-dispożizzjonijiet mad-Direttiva 98/59 ma hijiex is-suġġett ta' din il-proċedura.

7 Ara l-punt 29 tad-digriet tar-rinviju.

8 Ara l-punt 42 tad-digriet tar-rinviju.

9 Barra minn hekk, anki jekk nillimita ruħi għad-Direttiva 98/59 biss, jiena ma nikkondividix l-opinjoni tal-Kummissjoni li l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva ser tkun mingħajr ebda effett prattiku għaliex ir-rappreżentanti tal-ħaddiema ma jistgħux, b'ebda mod, ikunu kkonsultati dwar ir-raġunijiet li jkunu wasslu għall-għeluq mill-Istati Uniti ta' wieħed mill-istabbilimenti militari tagħha. Fil-fatt, għandu jinżamm quddiem għajnejna l-ispirtu li, skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 98/59, is-suġġett tal-konsultazzjonijiet jirrigwarda mhux biss il-possibbiltajiet li jiġu evitati jew ridotti t-tkeċċijiet kollettivi, imma wkoll il-*possibiltajiet li jitnaqqsu l-konsegwenzi.* L-applikazzjoni ta' dik id-direttiva tista' għalhekk tikkonserva effett parzjali mhux traskurabbli.

24. Madankollu, hija ġurisprudenza stabbilita li, fil-każ fejn leġiżlazzjoni nazzjonali tikkonforma ruħha mas-soluzzjonijiet li hija tagħti għal sitwazzjonijiet interni ma' dawk mogħtija mid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tibqa' kompetenti sabiex tirrispondi għad-domandi li jsiru minn qorti nazzjonali dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet jew ta' kunċetti tal-imsemmi dritt tal-Unjoni b'mod li tiżgura interpretazzjoni uniformi tagħhom, ikunu x'ikunu l-kundizzjonijiet li fihom dispożizzjonijiet bħal dawk għandhom jiġu applikati [10].

25. Din is-soluzzjoni ġiet fl-aħħar mill-aħħar adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Rodriguez Mayor dwar talba għal deċiżjoni preliminari li tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 98/59 fil-kuntest fejn il-leġiżlatur nazzjonali kien iddeċieda li jinkludi fil-kunċett ta' tkeċċijiet kollettivi l-każ ta' tmiem tar-relazzjonijiet ta' xogħol li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/59 filwaqt li jżomm barra minn dan il-kunċett il-każ li ngħab quddiem il-qorti nazzjonali imma li din tal-aħħar tikkunsidra li kien jaqa' f'dan il-kunċett [11].

26. *A fortiori* ma narax ir-raġuni għala dawn il-kunsiderazzjonijiet jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħżel linja ta' raġunament differenti f'din il-kawża.

27. Barra minn hekk, ma hemm xejn fil-proċess li jindika li l-qorti tar-rinviju għandha l-fakultà li ma timxix mal-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59 [12]. Pjuttost, il-qorti tar-rinviju targumenta ripetutament li huwa dmir tagħha li tinterpreta l-Artikolu 188 tat-Trade Union and Labour Relations (Consolidations) Act 1992, sa fejn huwa possibbli, b'mod konsistenti mad-Direttiva 98/59, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja [13].

28. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li hemm lok li tirrispondi d-domanda li saritilha.

B – Fuq id-domanda preliminari

29. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba sabiex tiddetermina l-punt ta' tluq tal-obbligu ta' konsultazzjoni minn qabel li jinkombi fuq min iħaddem f'każ ta' tkeċċijiet kollettivi.

30. Iktar speċifikament, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dan l-obbligu jitnissilx meta min iħaddem jipproponi li jieħu deċiżjoni strateġika jew operazzjonali li probabbilment jew inevitabilment twassal għal tkeċċijiet kollettivi jew biss meta tali deċiżjoni tkun diġà effettivament ittieħdet u min iħaddem jipproponi li jipproċedi għat-tkeċċijiet li huma konsegwenza tagħha.

31. Għalkemm Nolan tikkunsidra li hija biss l-ewwel alternattiva li tippermetti li tiġi ppreżervata l-effettività tad-Direttiva 98/59, il-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Sorveljanza AELE jadottaw pożizzjoni iktar sottili. Essenzjalment, huma t-tnejn jqisu, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza Akavan iċċitata iktar 'il fuq u fid-dawl tal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-obbligu fuq min iħaddem li jidħol f'konsultazzjonijiet dwar it-tkeċċijiet kollettivi jitnissel meta tkun ittieħdet deċiżjoni strateġika jew kummerċjali li ser twasslu sabiex jikkunsidra jew jipproġetta tkeċċijiet kollettivi.

32. Jiena wkoll naqbel ma' din l-interpretazzjoni tad-Direttiva 98/59.

10 Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi (C-297/88 u C-197/89 Ġabra p. I-3763, punt 37), tal-15 ta' Jannar 2002, Andersen og Jensen, (C-43/00, Ġabra p. I-379 punt 18), tas-16 ta' Marzu 2006, Poseidon Chartering (C-3/04, Ġabra p. I-2505, punt 16), tat- 28 ta' Ottubru 2010, Volvo Car Germany (C-203/09, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 25) u tal-31 ta' Marzu 2011, Aurubis Balgaria (C-546/09, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 24).

11 Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2009 (C-323/08, Ġabra p. I-11621, punt 27).

12 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi iċċitati iktar 'il fuq Poseidon Chartering (punt 18) u Volvo Car Germany (punt 27).

13 Ara, pereżempju, il-punti 45 u 60 tad-digriet tar-rinviju.

33. Għandu jitfakkar l-ewwel nett li, skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 98/59, meta min iħaddem jipproġetta li jwettaq tkeċċijiet kollettivi, huwa obbligat li jipproċedi, f'ħin xieraq, għal konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema sabiex jintlaħaq ftehim.

34. Skont l-Artikolu 2(2) ta' dak l-istess artikolu, dawk il-konsultazzjonijiet jirrigwardaw, mhux biss il-possibilitajiet li jiġu evitati jew ridotti tkeċċijiet kollettivi, iżda wkoll il-possibilitajiet biex jittaffew il-konsegwenzi billi jkun hemm miżuri soċjali ta' akkumpanjament intiżi b'mod partikolari sabiex jgħinu għall-impjieg jew it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema mingħajr xogħol.

35. L-obbligi fuq min iħaddem taħt id-Direttiva 98/59 għandhom għalhekk jitnisslu fil-mument li fih ikun għadu possibbli li tiġi ppreżervata l-effettività ta' dawn il-konsultazzjonijiet, b'mod partikolari l-possibiltà li jiġu evitati jew imnaqqsa t-tkeċċijiet kollettivi jew, tal-inqas, li jittaffew il-konsegwenzi [14]. Tali konsultazzjoni ma tistax għalhekk tinbeda tard wisq. Dan ikun il-każ jekk min iħaddem jiftaħ il-konsultazzjonijiet wara d-deċiżjoni li jintemmu l-kuntratti ta' xogħol [15].

36. Konsegwentement, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod partikolari fil-punt 41 tas-sentenza Akavan iċċitata iktar 'il fuq, l-obbligu msemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59 huwa intiż li jitnissel meta min iħaddem jipproġetta li jwettaq tkeċċijiet kollettivi jew jistabbilixxi programm ta' tkeċċijiet kollettivi [16].

37. F'dik l-istess sentenza, li għaliha l-qorti tar-rinviju tirreferi fit-tul, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu kellha wkoll l-okkażjoni li tiċċara l-portata tal-obbligi ta' konsultazzjoni li għandu min iħaddem f'sitwazzjoni ta' grupp ta' impriżi u fejn il-prospett ta' tkeċċijiet kollettivi ma huwiex direttament l-għażla ta' min iħaddem imma ta' impriża li għandha ta' kontroll, bħalma jissemma fl-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 98/59 [17].

38. Kif jidher mir-raġunament segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza, din kienet perfettament konxja li dan it-tip ta' sitwazzjoni jeħtieġ kawtela speċjali fid-determinazzjoni tal-punt ta' tluq tal-obbligu ta' konsultazzjoni.

39. Qabel xejn, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat f'dik is-sentenza li l-obbligu ta' konsultazzjoni ma għandux jiġi attivat b'mod prematur. B'hekk, filwaqt li rrepetiet il-preokkupazzjonijiet tal-Gvern tar-Renju Unit, hija rrilevat, fil-punt 45, li bidu kmieni wisq tal-obbligu ta' konsultazzjoni jista' jwassal għal riżultati kuntrarji għall-għan tad-Direttiva 98/59, bħal restrizzjoni tal-flessibbiltà tal-impriżi fir-rigward tar-ristrutturazzjoni tagħhom, iż-żieda tal-pressjoni amministrattiva u li l-ħaddiema jinkwetaw b'mod inutli dwar is-sigurtà tax-xogħol tagħhom. Dejjem taħt diffikultajiet assoċjati ma' attivazzjoni prematura tal-konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet, essenzjalment, fil-punt 46 tas-sentenza msemmija, li r-raġuni u l-effettività ta' dawn kollha jippresupponu li jiġu deċiżi l-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni matul il-konsultazzjonijiet, u dan ma jkunx possibbli jekk dawn il-fatturi ma jkunux magħrufa.

40. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-obbligu ta' konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59 iktar u iktar ma jistax jiġi attivat tardivament. Fil-fatt, fil-kuntest tat-teħid ta' deċiżjoni strateġika jew kummerċjali minn kumpannija li tikkontrolla lil min iħaddem, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 47 tal-istess sentenza, li konsultazzjoni li tibda meta deċiżjoni li tirrendi neċessarji tkeċċijiet kollettivi tkun diġà ttieħdet ma jistax ikollha effett fuq l-istħarriġ ta'

14 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Akavan, iċċitata iktar 'il fuq (punt 38).

15 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2005, Junk (C-188/03, Ġabra p. I-885, punti 36 u 37) kif ukoll Akavan, iċċitata iktar 'il fuq (punt 38).

16 Sentenza Akavan, iċċitata iktar 'il fuq (punt 41 u ġurisprudenza iċċitata).

17 Dan l-artikolu jipprovdi: "[l]-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1, 2, u 3, għandhom japplikaw irrespettivament minn jekk id-deċiżjoni dwar [ir-]redundancies kollettivi [tkunx] qed tittieħed minn min iħaddem jew minn impriża li tikkontrolla lil min iħaddem".

alternattivi possibbli sabiex dawn jiġu evitati. Hija kkonkludiet, fil-punt 48, li l-obbligu ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema jitnissel fi ħdan grupp ta' impriżi meta tittieħed deċiżjoni strateġika jew kummerċjali *li tkun iġġiegħel lil min iħaddem sabiex jipproponi jew jipproġetta tkeċċijiet kollettivi*.

41. Fil-qosor, kemm jekk il-prospett ta' tkeċċijiet kollettivi jirriżulta direttament minn għażla ta' min iħaddem, f'liema każ, konformement mal-punt 41 tas-sentenza Akavan iċċitata iktar 'il fuq, l-obbligu ta' konsultazzjoni jiġi attivat meta min iħaddem jaħseb sabiex iwettaq tkeċċijiet kollettivi jew jistabbilixxi proġett ta' tkeċċijiet kollettivi, kemm jekk il-prospett ta' tkeċċijiet kollettivi ma jirriżultax direttament mill-għażla ta' min iħaddem imma minn entità oħra relatata, f'liema każ, b'applikazzjoni tal-punt 48 tas-sentenza Akavan, l-obbligu ta' konsultazzjoni fuq min iħaddem jitnissel meta dik l-entità oħra tkun adottat deċiżjoni strateġika jew kummerċjali li ġġiegħel lil min iħaddem iqis jew jipproġetta tkeċċijiet kollettivi.

42. Inżid, anki jekk dan jirriżulta diġà impliċitament mill-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, li jirriżulta wkoll mis-sentenza Akavan iċċitata iktar 'il fuq li, f'sitwazzjoni fejn sussidjarja ta' grupp ta' kumpanniji għandha l-kwalità ta' "min iħaddem" skont id-Direttiva 98/59, jibqa' dejjem l-obbligu tagħha li tiftaħ konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema tagħha, irrispettivament mill-fatt li t-tkeċċijiet kollettivi huma maħsuba jew proġettati wara deċiżjoni (strateġika jew kummerċjali) tal-kumpannija parent tagħha [18]. Madankollu, biex jintlaħqu l-għanijiet tal-konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, huwa neċessarju, f'każ bħal dan, li tiġi identifikata minn qabel is-sussidjarja li fi ħdanha huma maħsuba t-tkeċċijiet kollettivi [19]. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qalet ukoll li deċiżjoni tal-kumpannija parent li għandha bħala effett dirett li ġġiegħel waħda mill-kumpanniji sussidjarji tagħha tittermina l-kuntratti tal-ħaddiema kkonċernati permezz ta' tkeċċijiet kollettivi tista' tittieħed biss fl-għeluq tal-proċedura ta' konsultazzjoni fi ħdan din il-kumpannija sussidjarja u dan sabiex din tal-aħħar ma tiġix esposta, bħala min iħaddem, għall-konsegwenzi tal-inosservanza ta' din il-proċedura [20].

43. Fil-kawża prinċipali, għandu jitfakkar li jekk l-istabbiliment militari li fih huma maħsuba t-tkeċċijiet kollettivi ġie identifikat, il-qorti tar-rinviju madankollu ma semmietx liema fost l-entitajiet msemmija fid-digriet tar-rinviju (il-kmandat tal-istabbiliment militari, il-kwartier ġenerali tal-armati Amerikani fl-Ewropa bbażat f'Mannheim, li bagħat l-ittri tat-tkeċċija, jew saħansitra, anki jekk improbabbli, is-Secretary of the US Army), għandha tiġi kkunsidrata bħala li għandha l-kwalità ta' "min iħaddem", li hija suġġetta għall-obbligu ta' konsultazzjoni, b'applikazzjoni tad-Direttiva 98/59 u tat-Trade Union and Labour Relations (Consolidations) Act 1992.

44. L-ispjegazzjoni tidher li qegħda fil-kunċett pjuttost vag ta' "min iħaddem" fil-kawża prinċipali, jiġifieri, bħala li tirreferi, b'mod ġenerali, għall-forzi armati tal-Istati Uniti, kunċett li forsi ma huwiex inaffettwat mid-diffikultajiet li l-qorti tar-rinviju tiltaqa' magħhom sabiex tinterpreta l-obbligi li hemm fuq min iħaddem. Fil-fatt, nerġa' mmur lura għad-domanda preliminari li saret, *fid-dawl tal-fatti kif esposti mill-qorti tar-rinviju*, din tidher li tinkludi taħt l-isem ta' "min iħaddem" entitajiet differenti. Għalhekk "min iħaddem ikun [li jkun] qiegħed jipproponi, iżda għadu ma ħax, deċiżjoni strateġika li tikkonċerna n-negozju jew l-operat", imsemmija fl-ewwel alternattiva taħt inċiż i) tal-imsemmija domanda, ma huwiex, probabbilment, l-istess entità bħal "min iħaddem" li "jipproponi redundancies b'konsegwenza ta' din id-deċiżjoni", imsemmi fit-tieni inċiż ii).

18 Ara s-sentenza Akavan, iċċitata iktar 'il fuq (punt 62).

19 Idem (punt 64).

20 Sentenza Akavan, iċċitata iktar 'il fuq (punt 71).

45. Madankollu mid-digriet tar-rinviju jirriżulta ċar, bħalma l-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Sorveljanza AELE jargumentaw fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, li l-kawża prinċipali taqa' fl-eżempju msemmi fil-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiġifieri tikkorrispondi għal sitwazzjoni fejn min iħaddem – jiġifieri probabbilment jew il-kmandant tal-istabbiliment militari jew il-kwartier ġenerali USAREUR tal-kap tal-istat maġġuri aġġunt f'Mannheim – ma kienx direttament ippropona t-tkeċċijiet kollettivi proġettati, imma fejn dawn jirriżultaw, kif irrilevat mill-qorti tar-rinviju, minn deċiżjoni meħuda fuq "livell ferm aktar għoli" mill-kmandant lokali [21].

46. Fil-fatt, ma naħsibx, fid-dawl tal-għażla li saret mil-leġiżlatur tar-Renju Unit waqt it-traspożizzjoni tad-Direttiva 98/59 fuq it-territorju ta' dak l-Istat Membru, li jeżisti xi ostakolu għall-applikazzjoni tar-raġonament żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Akavan, iċċitata iktar 'il fuq, dwar l-obbligi ta' konsultazzjoni li jinkombi fuq sussidjarja li għandha l-kwalità ta' min iħaddem, fis-sens ta' dik id-direttiva, insegwitu għal deċiżjoni strateġika jew kummerċjali tal-kumpannija parent, għas-sitwazzjoni ta' stabbiliment militari fejn it-tkeċċijiet kollettivi tal-ħaddiema ċivili tiegħu huma maħsuba wara deċiżjoni ta' ristrutturar tal-attivitajiet militari meħuda fuq livell iktar għoli tal-ġerarkija li twassal għall-għeluq ta' dak l-istabbiliment.

47. F'dan l-istadju, u fid-dawl tat-tieni alternattiva li tissemma fil-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-uniku mistoqsija li fadal hija dik jekk, fil-kawża prinċipali, ġietx adottata deċiżjoni strateġika li ġġiegħel lil min iħaddem jipproponi jew jipproġetta tkeċċijiet kollettivi.

48. It-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali li tikkaratterizza l-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari timplika li naturalment hija l-qorti tar-rinviju li għandha tipproċedi għal dan l-istħarriġ. Din tal-aħħar għandha għalhekk tiżgura fid-dawl tal-kriterju indikat preċedentement jekk, bħalma essenzjalment iddeċidew l-qrati inferjuri, il-konsultazzjonijiet li nbdew fil-5 ta' Ġunju 2006 kinux infetħu tardivament fis-sens li huma ma setgħux jilħqu l-għan imfittex mid-Direttiva 98/59 u l-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit li tittrasponi dak l-att.

49. F'dan ir-rigward, mill-perspettiva metodoloġika, il-qorti tar-rinviju għandha, fl-opinjoni tiegħi, tidentifika liema mill-avvenimenti msemmija fid-digriet tar-rinviju li huma anteċedenti għall-5 ta' Ġunju 2006 jaqgħu taħt il-kwalità ta' deċiżjoni strateġika, jippossjedu natura imperattiva fir-rigward ta' min iħaddem għall-għan tal-applikazzjoni tal-obbligu ta' konsultazzjoni kif ukoll il-mument li fih dik id-deċiżjoni ġiet adottata.

50. Wara li jsir dan, il-qorti tar-rinviju tkun tista' tiddeċiedi jekk il-konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-istabbiliment militari fil-5 ta' Ġunju 2006 kinux infetħu f'"ħin xieraq", skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59 u tal-Artikolu 188 tat-Trade Union and Labour Relations (Consolidations) Act 1992.

51. Din ir-risposta timplika, fir-rigward tal-fatti tal-kawża prinċipali, li l-ebda waħda miż-żewġ alternattivi msemmija fid-domanda preliminari ma għandha tkun ippreferuta. Fil-fatt, il-konsultazzjonijiet ikunu prematuri jekk, bħal ma huwa ssuġġerit fl-ewwel alternattiva, ikun obbligu ta' min iħaddem li jiftaħhom anki jekk l-ebda "deċiżjoni strateġika jew operazzjonali" ma tkun ittieħdet. Fi kliem ieħor, dak li jgħodd huwa jekk, meta deċiżjoni bħal dik tkun ittieħdet, din iġġiegħelx lil min iħaddem sabiex jaħseb għat-tkeċċijiet kollettivi jew le. Ikun, għall-kuntrarju, tardiv il-ftuħ tal-konsultazzjonijiet meta dik id-deċiżjoni strateġika tkun ittieħdet, mingħajr ma dik tħalli l-ebda marġni ta' diskrezzjoni lil min iħaddem sabiex jaħseb għat-tkeċċijiet kollettivi, filwaqt li l-ftuħ huwa, kif jirriżulta mill-kronoloġija tal-avvenimenti li wasslu għall-kwistjoni fil-kawża prinċipali mfakkra fid-digriet tar-rinviju, posposta għal diversi ġimgħat wara l-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni.

21 Ara n-nota tal-kmandant tal-istabbiliment militari ċċitata fil-punt 21 tad-digriet tar-rinviju.

52. Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti fil-kawża prinċipali, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari: id-Direttiva 98/59 għandha tiġi interpretata fis-sens li l-obbligu li għandu min iħaddem li jidħol f'konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema jintissel meta deċiżjoni strateġika jew kummerċjali li ġġiegħlu jaħseb jew jipproponi tkeċċijiet kollettivi tkun ġiet adottata minn organu jew entità li tikkontrollah. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tidentifika, fid-dawl tal-fatti li taw lok għall-kwistjoni fil-kawża prinċipali, liema fost l-avvenimenti msemmija fid-digriet tar-rinviju, li huma anteċedenti għall-ġurnata ta' bidu effettiv tal-konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-istabbiliment inkwistjoni, għandha n-natura ta' deċiżjoni strateġika, u għandha natura imperattiva fir-rigward ta' min iħaddem għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-obbligu ta' konsultazzjoni kif ukoll il-mument li fih dik id-deċiżjoni tkun ittieħdet.

III – Konklużjoni

53. Fid-dawl tar-raġunijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mill-Court of Appeal:

"Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-obbligu li għandu min iħaddem li jidħol f'konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema jitnissel meta deċiżjoni strateġika jew kummerċjali li ġġiegħlu jaħseb jew jipproponi tkeċċijiet kollettivi tkun ġiet adottata minn organu jew entità li tikkontrollah.

Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tidentifika, fid-dawl tal-fatti li taw lok għall-kwistjoni fil-kawża prinċipali, liema fost l-avvenimenti msemmija fid-digriet tar-rinviju, li huma anteċedenti għall-ġurnata tal-bidu effettiv tal-konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-istabbiliment inkwistjoni, għandha n-natura ta' deċiżjoni strateġika, u għandha natura imperattiva fir-rigward ta' min iħaddem għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-obbligu ta' konsultazzjoni kif ukoll il-mument li fih dik id-deċiżjoni tkun ittieħdet".

i — Fil-punti 46 u 48 ta' dan it-test saru modifiki ta' natura lingwistika, u l-punti 12 sa 53 ingħataw numru ġdid wara li dan kien tqiegħed online għal-ewwel darba.